MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 12.7.2010
KUMM(2010)368 finali

2010/0207 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA .../.../KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti [riformulazzjoni]

KUMM(2010) 369
SEG(2010)835
SEG(2010)834

MT MT

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-ebda bank, sew jekk sod sew jekk f'diffikulta, ma jkollu biżżejjed fondi likwidi biex jifdi d-depożiti tiegħu kollha, jew parti minnhom, għal għarrieda. Għalhekk il-banek huma suxxettibbli għar-riskju ta' assedju bankarju jekk id-depożitanti jaħsbu li d-depożiti tagħhom mhumiex sikuri u jippruvaw jiġbduhom kollha fl-istess ħin. Dan jista' jaffettwa serjament lill-ekonomija kollha. Jekk, minkejja l-livell għoli ta' superviżjoni prudenzjali, bank ikollu jagħlaq, l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) rilevanti tirrimborża lid-depożitarji sa ċertu limitu massimu (il-'livell ta' kopertura'), u b'hekk tissodisfa l-ħtiġijiet tad-depożituri. Is-SGD jeħilsu lid-depożituri milli jkollhom jipparteċipaw fi proċeduri twal ta' insolvenza, li normalment twassal għal dividendi tal-insolvenza li jirrappreżentaw frazzjoni biss mit-talba oriġinali.

Wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fl-2006 dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 94/19/KE dwar Skemi ta' Garanzija għal Depożiti[1], il-grajjiet tal-2007 u l-2008 urew li s-sistema eżistenti u frammentata tas-SGD ma qdietx l-għanijiet tagħha kif stipulati fid-Direttiva 94/19/KE dwar Skemi ta' Garanzija għal Depożiti, f'termini ta' żamma ta' fiduċja tad-depożitanti u l-istabbiltà finanzjarja fi żminijiet ta' diffikultà ekonomika. Il-madwar 40 SGD attwali fl-UE, li jkopru sa livelli differenti ta' kopertura, gruppi differenti ta' depożitanti u depożiti jimponu obbligi finanzjari differenti fuq il-banek u għalhekk jillimitaw l-benefiċċji tas-suq intern għall-banek u d-depożitanti. Barra minn dan, l-iskemi urew li ma kinux iffinanzjati biżżejjed fi żminijiet ta' diffikultà finanzjarja.

Fis-7 ta' Ottubru 2008, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel li għandha tiġi restawrata l-fiduċja fis-settur finanzjarju u ħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta adattata biex tippromwovi l-koperturi tas-SGD. Dan wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva 2009/14/KE[2]. Madankollu, peress li l-ħtieġa ta' negozjati mgħaġġla ma ppermettietx li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet miftuħa kollha, din id-Direttiva kienet biss miżura ta' emerġenza sabiex tinżamm il-fiduċja tad-depożitanti, partikolarment peremzz taż-żieda fil-livell ta' kopertura minn EUR 20 000 għal EUR 100 000 sal-aħħar ta' 2010. Id-Direttiva 2009/14/KE għalhekk kien fiha klawżola li tipprovdi għal eżami wiesa' tal-aspetti kollha tas-SGD. Il-ħtieġa li jissaħħu s-SGD billi jiġu ppreżentati proposti leġiżlattivi xierqa kienet imtennija fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2009 *Nixprunaw l-irkupru Ewropew*[3].

L-elementi ewlenin ta’ din il-proposta huma:

- Simplifikazzjoni u armonizzazzjoni, partikolarment fir-rigrawd tal-ambitu tal-kopertura u l-arranġamenti tal-iżborż;
- Jitnaqqas aktar il-limitu taż-żmien biex isir l-iżborż lid-depożitanti u aċċess aħjar għas-SGD għall-informazzjoni dwar il-membri tagħhom (jiġifieri l-banek);

---

1 COM(2006) 729.

2 Id-Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 li temenda d-Direttiva 94/19/KE dwar skemi ta’ garanzija għal depożiti fir-rigward tal-livell ta’ kopertura u taż-żmien għar-rimborż (ĠU L 68, 13.3.2009, p. 3).

3 COM(2009)114, p. 4.

- SGD sodi u kredibbli li jkunu ffinanzjati biżżejjed;
- Self reċiproku bejn is-SGD, jiġifieri faċilità ta' self f'ċerti ċirkostanzi.

L-elementi tal-eżami li fl-opinjoni tal-Kummissjoni ma għandhomx (jew mhux għal issa) ikunu soġġetti għal leġiżlazzjoni huma elenkati fir-rapport li jakkumpanja din il-proposta. Ir-rapport u l-proposta huma parti minn pakkett dwar l-iskemi ta' garanzija fis-settur finanzjarju, li jinkludi wkoll eżami tal-iskemi ta' kumpens għall-investitur (id-Direttiva 97/9/KE) u white paper dwar l-iskemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni.

## 2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-GĦARFIEN ESPERT ESTERN

Saret konsultazzjoni pubblika bejn id-29 ta' Mejju u s-27 ta' Lulju 2009. Il-104 kontribuzzjoni kollha u rapport sommarju kienu ppubblikati f'Awwissu 2009[4] u l-opinjonijiet tal-partijiet interessati ġeneralment ġew meqjusa. Ħafna minn dawk li wieġbu qajmu erba' kwistjonijiet (l-aktar il-banek u l-assoċċjazzjonijiet tagħhom, il-konsumaturi u l-assoċċjazzjonijiet tagħhom u l-Istati Membri u s-SGD) u għalhekk jistħoqqilhom attenzjoni partikolari:

- Kważi dawk kollha li wieġbu kienu favur is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-kriterji tal-eliġibblità għad-depożitanti. Dan tqis.
- Maġġoranza ċara minn dawk li wieġbu kienet kontra li l-iskadenza tar-rimborż tonqos aktar; ħafna argumentaw li l-ewwel għandha tiġi valutata l-esperjenza bl-iskandenza l-ġdida ta' 4-6 ġimgħat stabbilita fid-Direttiva 2009/14/KE qabel ma jiġi ppjanat aktar tnaqqis. Il-Kummissjoni ssostni li l-iskadenza attwali hija twila wisq sabiex tipprevjeni assalt bankarju u biex tissodisfa l-ħtiġijiet finanzjarji tad-depożitanti. Maġġoranza ċara minn dawk li wieġbu jaqblu li s-SGD jiġu involuti fi stadju bikri f'każi meta x'aktarx ikollha tiskatta s-SGD. Dan kien meqjus essenzajali għal skandenza iqsar tar-rimborż u huwa rifless fil-proposta.
- Maġġoranza kbira minn dawk li wieġbu kienet favur skemi ta' ffinanzjar *ex ante*, u ta' kontribuzzjonijiet lil SGD abbażi tar-riskju. Dan tqis.
- L-opinjonijiet dwar jekk l-iskemi ta' garanzija reċiproka għandhomx ikunu koperti mid-Direttiva jew le kienu maqsuma. Dawn huma skemi li jipproteġu lill-istituzzjoni tal-kreditu stess u partikolarment jiżguraw il-likwidità u s-solvenza tagħha. Dawn is-sistemi jiggarantixxu protezzjoni differenti għad-depożitanti meta mqabbla mal-protezzjoni li tagħti Skema ta' Garanzija tad-Depożiti. Jekk bis-saħħa tal-għajnuna ta' skema reċiproka bank ma jfallix u jibqa' jipprovdi s-servizzi tiegħu kontinwament, ma jkunx meħtieġ li d-depożitanti jiġu rimborżati. B'kuntrast ma' dan, Skema ta' Garanzija tad-Depożiti tiskatta biss meta jfalli bank. Madankollu, il-proposta attwali ma tmissx il-funzjoni stabilizzanti tal-iskemi reċiproki, iżda ttejjeb il-pożizzjoni tad-depożitanti, li issa ser ikollhom pretensjoni kontra l-iskemi jekk dawn ma jkunux jistgħu jipprevjenu l-falliment ta' xi membru.

Intuża għarfien espert estern biex tħejjiet din il-proposta. F'Marzu 2009 saret laqgħa miftuħa informali mal-esperti[5]. L-għarfien espert tal-Istati Membri ġie pprovdut fit-tliet laqgħat tal-

---

4 Ara: http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2009/deposit_guarantee_schemes_en.htm.
5 Ara: http://ec.europa.eu/internal_market/bank/guarantee/index_en.htm#roundtable.

Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (GĦSGD), f'Ġunju u Novembru 2009 u fi Frar 2010. I-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni (ĊKR) issottometta rapporti dwar il-livell ta' kopertura (2005), l-armonizzazzjoni possibbli tal-mekkaniżmi tal-iffinanzjar (2006 u 2007), l-effiċjenza tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti (2008) u mudelli possibbli għall-introduzzjoni ta' kontribuzzjonijiet abbażi tar-riskju fl-UE (2008 u 2009)[6]. Din il-ħidma kienet sostnuta mill-Forum Ewropew tal-Assiguraturi tad-Depożiti (European Forum of Deposit Insurers EFDI), li fl-2008 kien ukoll lesta diversi rapporti fuq kwistjonijiet speċifiċi[7]. Din il-ħidma tqieset fl-abbozzar tal-proposta attwali. Il-BĊE ukoll kien involut mill-qrib fit-tfassil ta' din il-proposta.

## 3. Valutazzjoni tal-impatt

Direttiva li temenda d-direttiva attwali hija l-aktar strument xieraq. Il-Kummissjoni hija konxja mill-effetti kumulattivi tal-miżuri leġiżlattivi attwali u futuri li jikkonċernaw is-settur bankarju.

### 3.1. Alternattvi preferuti

B'kollox, ġew ivvalutati 'l fuq minn 70 alternattiva differenti tal-politika. L-alternattivi ewlenin identifikati bħala preferibbli huma:

- Li jiġi ssimplifikat u armonizzat l-ambitu tal-kopertura;
- Li titnaqqas l-iskadenza tar-rimborż għal sebat ijiem;
- Li tispiċċa l-prassi li l-obbligazzonijiet tad-depożitanti jiġu paċuti bil-pretensjonijiet tagħhom;
- L-introduzzjoni ta' format standard li għandu jiġi kontrofirmat minn depożitant u referenza mandatorja għas-SGD fid-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet u r-riklami;
- L-armonizzazzjoni tal-approċċ tal-finanzjament tas-SGD;
- L-istipular ta' livell ta' mira għall-fondi tas-SGD;
- L-iffissar tal-proporzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet bankarji *ex ante* u *ex post* lis-SGD;
- L-introduzzjoni ta' elementi abbażi tar-riskju għall-kontribuzzjonijiet bankarji lis-SGD;
- Restrizzjoni biex il-fondi tas-SGD jintużaw biss għal finijiet ta' reżoluzzjoni bankarji akbar li jibbenefikaw lill-kredituri kollha ta' bank;
- Li l-pajjiż ospitanti tas-SGD ikun l-uniku punt ta' kuntatt għad-depożitanti f'fergħat fi Stat Membru ieħor.

---

[6] Ir-rapporti kollha jistgħu jitniżżlu minn fuq http://ec.europa.eu/internal_market/bank/guarantee/index_en.htm.

[7] Ir-rapporti rilevanti maħruġa mill-EFDI f'Mejju 2008 jinsabu f'www.efdi.eu.

### 3.2. Impatt soċjali

Il-proposta ser tiżgura, fil-każ ta' falliment ta' bank, li d-depożitanti jiġu rimborżati sa EUR 100 000 minn SGD fi żmien sebat ijiem kalendarji. Dan irrendi l-intervent tas-sistemi tal-benessri soċjali kważi mhux neċessarju. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt huwa disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/internal_market/bank/guarantee/index_en.htm. Sommarju huwa mehmnuż ma' din il-proposta.

### 3.3. Piż amministrattiv

Il-proposta mhi ser tinvolvi l-ebda piż amministrattiv sinifikanti u tissimplifika l-kriterji tal-eliġibblità għad-depożitanti. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt fih informazzjoni addizzjonali.

## 4. Monitoraġġ u Evalwazzjoni

Peress li l-fallimenti tal-banek mhumiex prevedibbli u jekk jista' jkun jiġu evitati, il-funzjonament tas-SGD ma jistax jiġi mmonitorjat regolarment abbażi ta' kif jiġu mmaniġġati fallimenti reali ta' banek. Madankollu, għandu jkun hemm testijiet tal-istress regolari tas-SGD ħalli jintwera jekk humiex kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti legali, tal-anqas f'xenarju ta' eżerċizzju. Dan għandu jkun parti minn analiżi minn pari mwettqa mill-Forum Ewropew tal-Assiguraturi tad-Depożti (EFDI)[8] u l-futura Awtorità Bankarja Ewropea (ABE).

## 5. Elementi legali tal-proposta

Direttiva li temenda d-direttiva attwali hija l-aktar strument xieraq. Peress li d-Direttiva 2009/14/KE li temenda d-Direttiva 94/19/KE ma ġietx implimentata kollha, iż-żewġ Direttivi għandhom jiġi kkonsolidati u amendati permezz ta' riformulazzjoni.

Id-Direttiva 94/19/KE tikkostitwixxi strument essenzjali għall-ħolqien tas-Suq Intern f'dak li jirrigwarda kemm il-libertà ta' stabbiliment u wkoll il-libertà li jkunu pprovduti servizzi finanzjarji, fil-qasam tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Konsegwenzjalment, il-bażi legali tagħha huwa l-Artikolu 57(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jippreċedi l-Artikol 53(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE). Flimkien mal-Artikolu 54(1), l-Artikolu 53 tat-TFUE jipprovdi għall-ħruġ ta' Direttivi dwar il-ftuħ u l-eżerċizzju ta' kumpaniji bħal mhuma l-istituti tal-kreditu. Għalhekk, din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 53(1) tat-TFUE. L-elementi kollha ta' din il-proposta jimmiraw lejn dan l-għan u huma aniċillari għalih.

Skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-TFUE, l-għanijiet tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar mill-UE. Id-dispożizzjonijiet tagħha ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet imfittxija. Azzjoni tal-UE biss tiżgura li l-istituti tal-kreditu li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed ikunu soġġetti għal rekwiżiti simili għal dawk tas-SGD, u għalhekk jiġi żgurat kuntest ekwu, jiġu evitati kostijiet bla bżonn ta' konformità għal attivitajiet transkonfinali u tkunu promossa aktar integrazzjoni tas-suq tal-UE. Azzjoni tal-UE tiżgura wkoll livell għoli ta' stabbiltà finanzjarja fl-UE. L-

[8] Ara www.efdi.eu.

armonizzazzjoni tal-kopertura u l-iskadenzi tar-rimborż, partikolarment, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri minħabba li dan jkun ifisser li jkollhom jinġiebu f'konformità multitudni ta' regoli differenti mis-sistemi legali ta' diversi Stati Membri, u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE. Dan ġie rrikonoxxut fid-Direttivi eżistenti tas-SGD[9].

## 6. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

## 7. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAL-PROPOSTA

Ir-riformulazzjoni tat lid-Direttiva struttura aħjar u aktar komprensiva. Ħafna referenzi mhux aġġornati ġew emendati. It-titoli tal-Artikolu jagħmluha eħfef biex tinqara. L-Artikoli dwar l-ambitu tad-Direttiva u għadd ta' definizzjonijiet ġodda jagħmluha eħfef biex tinftiehem. Id-Direttiva tiddeskrivi l-karatteristiċi tas-SGD, qabel ma tistipula l-livelli ta' kopertura. L-Artikoli li jindirizzaw ir-rimborż huma segwiti minn regoli dwar il-finanzjament u dwar l-informazzjoni li għandha tingħata lid-depożitanti.

### 7.1. Ambitu, definizzjonijiet u superviżjoni (l-Artikoli 1-3)

Id-Direttiva issa tinkludi l-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha u l-iskemi kollha mingħajr distinzjoni. Il-banek kollha jridu jissieħbu f'SGD; ma jistgħux jiġu eżentati. Dan jiżgura li d-depożitanti dejjem ikollhom pretensjoni fuq skema u li l-iskemi kollha jridu jkunu ffinanzjati fis-sod.

Skemi ta' garanzija reċiproka jipproteġu lid-depożitanti billi jipproteġu lill-istituzzjoni tal-kreditu stess (ara l-Kapitolu 2). Peress li issa l-banek kollha jridu jissieħbu f'SGD, skemi ta' garanzija reċiproka għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2006/48/KE sabiex jiżguraw konsistenza mal-liġi tal-UE. Alternattivament, skemi reċiproċi u SGD jistgħu jinħolqu separatament. Fil-każ tal-aħħar, sħubija doppja ta' bank fiż-żewġ skemi u r-rwol addizzjonali ta' salvagwardja jistgħu jitqiesu meta jiġu stipulati l-kontribuzzjonijiet tas-SGD.

Id-depożiti issa huma definiti aħjar. Strumenti li huma totalment repagabbli biss jistgħu jitqiesu depożiti, mhux prodotti strutturati, ċertifikati jew bonds. Dan iżomm lis-SDG milli jieħdu riskju imprevedibbli bi prodotti ta' investiment.

Is-SGD issa jridu jkunu supervizzati fuq bażi kontinwa u jridu jwettqu regolarment testijiet tal-istress tas-sistemi tagħhom. Is-SGD issa għandhom id-dritt jiksbu informazzjoni mill-banek fi stadju bikri sabiex ir-rimborż isir malajr. L-Istati Membri issa huma espliċitament permessi li jgħaqqdu s-SGD tagħhom. L-istituzzjonijiet tal-kreditu issa jridu jingħataw avviż ta' xahar, mhux 12-il xahar, qabel ma jkunu jistgħu jiġu esklużi minn SGD.

### 7.2. Kriterji tal-eliġibbiltà u d-determinazzjoni tal-ammont ripagabbli (l-Artikoli 4-6)

L-eliġibbiltà tad-depożitanti ġiet issimplifikata u armonizzata. Il-biċċa l-kbira tal-esklużjonijiet fakultattivi saru mandatorji, partikolarment l-esklużjoni ta' awtoritajiet u

[9] Il-premessa 17 tad-Direttiva 2009/14/KE u l-premessi (mhux innumerati) tad-Direttiva 94/19/KE.

istitutuzzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe tip. Min-naħa l-oħra, depożiti f'muniti mhux mill-UE huma koperti skont il-liġi u l-istess huma d-depożiti tal-kumpaniji mhux finanzjarji kollha.

Il-livell ta' kopertura ta' EUR 100 000 (li għandu jiġi implimentat sal-aħħar tal-2010 skont id-Direttiva 2009/14/KE) ma ġiex emendat. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jkopru d-depożiti li jinħolqu minn tranżazzjonijiet immobiljari u d-depożiti marbuta ma' avvenimenti partikolari ta' matul il-ħajja 'il fuq mil-limitu ta' EUR 100 000, sakemm il-kopertura tkun limitata għal 12-il xahar.

Issa huwa stipulat li l-imgħax dovut iżda mhux ikkreditat fi żmien il-falliment irid jiġi ripagat, sakemm ma jinqabiżx il-livell ta' kopertura. Id-depożitanti issa jridu jitħallsu fil-munita li fiha huwa mmaniġġjat il-kont. It-tpaċija ta' pretensjonijiet bl-obbligazzjonijiet tad-depożitanti ma għadhiex permessa wara li istituzzjoni tfalli.

### 7.3. Żborż (l-Artikoli 7 sa 8)

Is-SDG issa trid taġixxi biex tħallas lura lid-depożitanti fi żmien ġimgħa. Id-depożitanti ma għandhomx għalfejn jissottomettu applikazzjoni. Kwalunkwe informazzjoni li tingħatalhom trid tkun fil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun jinsab id-depożitu. Id-Direttiva issa tistipula li l-pretensjonijiet tad-depożitanti li s-SGD ma tkunx irrikonoxxiet jew ħallset jistgħu jiġu preskritti biss bl-istess miżura li jiġu preskritti l-pretensjonijiet tas-SGD fil-proċeduri tal-likwidazzjoni jew ir-riorganizzazzjoni.

Sabiex jissodisfaw skadenza tal-iżborż daqshekk qasira, l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati jinfurmaw lis-SGD b'inadempjenza jekk bank ikun x'aktarx ser ifalli. Barra minn dan, is-SGD u l-banek iridu jiskambjaw l-informazzjoni dwar id-depożitanti, kemm fuq livell domestiku kif ukoll transkonfinali, bla irbit ta' rekwiżiti dwar il-kunfidenzjalità. L-istitutuzzjonijiet tal-kreditu wkoll iridu jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu d-depożiti aggregati ta' depożitant ('viżjoni unika tal-klijent') fi kwalunkwe waqt.

### 7.4. Finanzjar tas-SGD u s-self bejn is-SGD (l-Artikoli 9 sa 10)

Id-Direttiva issa tiżgura li l-mezzi finanzjarji disponibbli tas-SGD huma proporzjonati mal-obbligazzjonijiet potenzjali tagħhom. Dawn il-mezzi finanzjarji huma salvagwardjati kontra telf potenzjali permezz ta' restrizzjonijiet fuq l-investiment simili għal dawk tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/110/KE[10] u l-UCITS skont l-Artikolu 52 tad-Direttiva 2009/64/KE[11] u jqisu l-ħtieġa għal riskju aktar baxx u aktar likwidità. Il-finanzjament ta' SGD ser ikun abbażi tal-passi sussegwenti li ġejjin:

L-ewwel nett, sabiex ikun żgurat finanzjament suffiċjenti, is-SGD irid ikollhom 1.5% tad-depożiti eleġibbli disponibbli wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin (dan jissejjaħ 'il-livell fil-mira'). Jekk dawn il-mezzi finanzjarji ma jkunux suffiċjenti f'każ ta' falliment ta' bank, iridu jittieħdu t-tieni u t-tielet pass li ġejjin.

---

10 Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

11 Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

It-tieni, jekk ikun meħtieġ il-banek iridu jħallsu starordinarjament ('*ex post*') kontribuzzjonijiet sa 0.5% tad-depożiti eleġibbli. (Jekk il-ħlas ta' dan il-pagament jipperikola bank, il-bank jista' jiġi eżentat mill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi individwali.) B'konsegwenza, il-fondi *ex ante* ser jgħoddu għal 75% tal-finanzjament tas-SGD filwaqt li l-kontribuzzjonijiet *ex post* ser jgħoddu għal 25%.

It-tielet, faċilità ta' self reċiproku tippermetti lil SGD fil-bżonn tissellef mingħand is-SGD l-oħra kollha fl-UE, li flimkien iridu, jekk ikun meħtieġ, isellfu lis-SGD massimu ta' 0.5% tad-depożiti eliġibbli tagħha fil-bżonn f'qasir żmien, proporzjonalment mal-ammont ta' depożiti eliġibbli f'kull pajjiż. Is-self irid jitħallas lura fi żmien ħames snin u jridu jingħataw kontribuzzjonijiet ġodda lis-SGD sabiex tirrimborża s-selfa. Sabiex jiġi żgurat ir-ripagament, is-SGD mutwanti għandhom id-dritt li jissorrogaw fuq id-drittijiet tad-depożitanti fuq l-istituzzjonijiet tal-kreditu falluti u dawn il-pretensjonijiet jiġu kklassifikati l-ewwel fil-proċedura tal-likwidazzjoni tal-istituzzjoni tal-kreditu li l-falliment tagħha jkun affettwa lis-SGD li jkun sellfu.

Bħala r-raba' u l-aħħar linja ta' difiża kontra l-involviment tal-kontribwenti, is-SGD irid ikollhom arranġamenti ta' ffinanzjar alternattivi, dejjem bil-kundizzjoni li dawn l-arranġamenti jkunu konformi mal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju stabbilita fl-Artikolu 123 tat-TFUE.

Huwa biss wara 10 snin li l-mekkaniżmu tar-raba' pass isir operattiv. Sabiex il-livell fil-mira jiġi adattat għall-obbligazzjonijiet potenzjali, ser jiġi rrikalibrat abbażi tad-depożiti koperti (jiġifieri billi jitqies il-livell ta' koperta), mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni.

Il-fondi tas-SGD għandhom prinċipalment jintużaw biex jitħallsu d-depożitanti. Dan, madankollu, ma jipprevenix li jintużaw għal finijiet ta' riżoluzzjoni bankarja skont ir-regoli tal-għanjuna mill-Istat. Madankollu, sabiex jiġi evitat li jispiċċaw il-fondi għall-benefiċċju tal-kredituri ordinarji tal-bank, dan l-ammont għandu jkun limitat għall-ammont li kien jkun neċessarju biex jiġu żborżati d-depożiti koperti. Peress li riżoluzzjoni ta' bank u l-iżborż għandhom finijiet differenti, il-fondi tas-SGD għandhom diġà jitwarrbu meta jintlaħaq il-livell fil-mira, u b'hekk jiġi żgurat li l-funzjoni primarja tas-SGD, jiġifieri l-iżborż tad-depożiti, ma jiġix imrażżan. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-poltika tal-futur tal-Kummissjoni dwar il-fondi tar-riżoluzzjoni bankarja.

### 7.5. Kontribuzzjonijiet lis-SGD abbażi tar-riskju (l-Artikolu 11 u l-Anness I u II)

Il-kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-kreditu lis-SGD iridu jiġu kkalkulati skont il-profili tar-riskju tagħhom b'mod armonizzat. Fil-prinċipju, il-kontribuzzjonijiet jikkonsistu kemm f'elementi bla riskju kif ukoll f'elementi abbażi tar-riskju. Tal-aħħar ser jiġu kkalkulati abbażi ta' diversi indikaturi li jirriflettu l-profili tar-riskji ta' kull istituzzjoni tal-kreditu. L-indikaturi proposti jkopru l-klassijiet tar-riskji ewlenin komunament użati biex tiġi evalwata s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet tal-kreditu: l-adegwatezza kapitali, il-kwalità tal-assi, il-profittabbiltà u l-likwidità. Id-dejta neċessarja sabiex jiġu kkalkulati dawn l-indikaturi huma disponibbli fl-obbligi eżistenti tar-rapportar.

Id-Direttiva, filwaqt li tqis id-differenzi bejn is-setturi bankarji fl-Istati Membri, tiżgura ftit flessibbiltà billi tiżviluppa sett ta' indikaturi ewlenin (mandatorji għall-Istati Membri kollha) u sett ieħor ta' indikaturi supplimentari (fakultattivi għall-Istati Membri). L-indikaturi ewlenin jikkonsistu fil-kriterji użati komunament bħall-adegwatezza kapitali, il-kwalità tal-assi, il-

profittabbiltà u l-likwidità. L-indikaturi ewlenin għandhom piż ta' 75% filwaqt li dawk supplimentari għandhom 25%.

Dan l-approċċ għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet abbażi tar-riskju huwa bbażat fuq ir-rapporti tal-Kummissjoni (iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka) tal-2008 u 2009, kif ukoll jirrifletti l-approċċi attwali f'xi Stati Membri[12]. Ġeneralment, id-Direttiva teħtieġ li l-ammont totali ta' kontribuzzjonijet li għandhom jinġabru mis-SGD għandu l-ewwel jiġi ddeterminat skont il-livell fil-mira għall-fondi tas-SGD; imbagħad l-ammont għandu jitqassam approporzjon fost il-banek membri tas-SGD skont il-profili tar-riskju tagħhom. Konsegwentement, id-Direttiva tipprovdi inċentivi għall-immaniġjar sod tar-riskji u tiskoraġixxi mġiba riskjuża billi tiddifferenzja b'mod ċar bejn il-livelli ta' kontribuzzjoni li titħallas mill-banek l-anqas u l-aktar riskjużi (minn 75% sa 200% tal-ammont standard, rispettivament).

Fir-rigward tal-element bla riskju, il-bażi tal-kontribuzzjoni huwa l-ammont ta' *depożiti eliġibbli*, kif inhu l-każ attwali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Mandankollu, matul iż-żmien *id-depożiti koperti* (jiġifieri d-depożiti eliġibbli li ma jaqbżux il-livell ta' kopertura) ser isiru l-bażi tal-kontribuzzjoni fl-Istati Membri kollha peress li jirriflettu aħjar ir-riskju li jiġu esposti għalih is-SGD.

Armonizzazzjoni sħiħa tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għandha tinlaħaq fi stadju aktar tard.

### 7.6. Kooperazzjoni Transkonfinali (l-Artikolu 12)

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-iżborż f'sitwazzjonijiet transkonfinali, il-pajjiż ospitanti tas-SGD jaġixxi tal-uniku punt ta' kuntatt għad-depożitanti f'fergħat fi Stat Membru ieħor. Dan jinkludi mhux biss il-komunikazzjoni mad-depożitanti f'dak il-pajjiż (jagħmilha ta' 'kaxxa postali') iżda wkoll il-ħlas f'isem id-DGS tal-pajjiż tad-domiċilju (jaġixxi ta' 'aġent tal-pagamenti'). Ftehimiet bejn is-SGD ser jiffaċilitaw din il-funzjoni.

L-iskemi għandhom jiskambjaw bejniethom l-informazzjoni rilevanti. Ftehimiet reċiproċi ser jiffaċilitaw dan.

Il-banek li jirriorganizzaw ruħhom b'mod li jkollha tispiċċa s-sħubija tagħhom f'SGD u jkollhom jissieħbu f'SGD oħra ser jiġu rimborżati bl-aħħar kontribuzzjoni tagħhom ħalli b'hekk ikunu jistgħu jużaw dawn il-fondi biex iħallsu l-ewwel kontribuzzjoni fis-SGD il-ġdida.

### 7.7. Informazzjoni lid-depożitanti (l-Artikolu 14 u l-Anness III)

Id-depożitarji issa huma infurmati aħjar dwar jekk id-depożiti tagħhom humiex koperti u dwar kif tiffunzjona SGD. Għal dan il-għan, qabel ma jagħmlu depożitu, id-depożitanti issa jridu jikkontrofirmaw karta bl-informazzjoni bbażata fuq format standard stipulat fl-Anness III, li fih l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kopertura tad-depożitu mis-SGD responsabbli. Id-depożitanti eżistenti jridu jiġi infurmati kif xieraq fir-rapporti tal-kontijiet. Ir-riklamar ta' prodotti ta' depożitu jridu jkunu limitati għal referenza fattwali għall-kopertura mis-SGD, sabiex jiġi evitat li s-SGD tintuża bħala argument ta' kummerċalizzazzjoni.

---

12 Ara r-rapporti taċ-ĊKR f'http://ec.europa.eu/internal_market/bank/docs/guarantee/risk-based-report_en.pdf u http://ec.europa.eu/internal_market/bank/docs/guarantee/2009_06_risk-based-report_en.pdf.

Id-divulgazzjoni regolari ta' informazzjoni speċifika mis-SGD (fondi *ex anti*, kapaċità *ex post*, riżultati tal-ittestjar regolari tal-istress) jiżguraw it-trasparenza u l-kredibbiltà, u twassal għal aktar stabbiltà b'kostijiet insinifikanti (ara r-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt għal aktar dettalji).

### 7.8. Struttura superviżorja ġdida

Fit-23 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni adottat proposti għal Regolamenti li jistabbilixxu Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji, fosthom il-ħolqien tat-tliet awtoritajiet superviżorji Ewropej u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku. L-Awtorità Bankarja Ewropea l-ġdida għandha, fil-limiti tal-poteri li ngħatawlha mir-Regolament, tiġbor informazzjoni dwar l-ammont ta' depożiti, tistudja l-analiżijiet bejn il-pari, tikkonferma jekk SGD tistax tissellef mingħand SGD oħrajn, u tiddeċidi fejn ikun hemm nuqqas ta' ftehim bejn is-SGD.

2010/0207 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA .../.../KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' […]**

**dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti [riformulazzjoni]**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

---

| ➔ 94/19/KE (adattat) |
|---|

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment ~~l-ewwel u t-tielet sentenzi ta'~~ l-Artikolu ⌦ 53(1) ⌫ ~~57(2)~~ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea~~[13]~~,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[14],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni ⌦ tas-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data[15] ⌫ ~~tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[16]~~,

⌦ Wara t-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlamenti nazzjonali, ⌫

Filwaqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura ⌦ leġiżlattiva ordinarja ⌫ ~~li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 189b tat-Trattat[17]~~,

Billi:

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(1) Għandhom isiru għadd ta' bidliet sostanzjali fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/19/KE tat-30 ta' Mejju 1994*. Fl-interess taċ-ċarezza, dik id-Direttiva għandha tiġi riformulata.

---

13 ~~ĠU C 163, tat-30.6.1992, p. 6. u ĠU C 178, tat-30.6.1993, p. 14.~~

14 ĠU C […]

15 ĠU C […]

16 ~~ĠU C 332, tas-16.12.1992, p. 13.~~

17 ~~ĠU C 115, tas-26.4.1993, p. 96. u id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 (ĠU C 91, tat-28.3.1994).~~

* ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5.

⬇ 94/19/KE, Premessa 1 (ġdid)

(2) Sabiex ikun aktar faċli li jinbeda u jkun eżerċitat in-negozju ta' istituzzjonijiet tal-kreditu, huwa meħtieġ li jkunu eliminati d-differenzi bejn il-liġijiet tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti li għalihom dawn l-istituzzjoni huma soġġetti. ~~Billi, bi qbil ma' l-għanijiet tat-Trattat, żvilupp armonizzat ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-Kommunità kollha għandu jkun imħeġġeġ permezz ta' l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kollha tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà li jkunu ipprovduti servizzi, waqt li tiżdied l-istabbilità tas-sistema bankarja u tal-protezzjoni ta' dawk li jfaddlu;~~

⬇ 94/19/KE, Premessa 2 (ġdid)

(3) Din id-Direttiva tikkostitwixxi strument essenzjali għall-ħolqien tas-Suq Intern f'dak li jirrigwarda kemm il-libertà ta' stabbiliment u wkoll il-libertà li jkunu pprovduti servizzi finanzjarji, fil-qasam tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, filwaqt li tiżdied l-istabbiltà tas-sistema bankarja u tal-protezjoni tad-depożitarji. ~~Billi, meta r-restrizzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu eliminati, konsiderazzjoni għandha tingħata lis-sitwazzjoni li tista' tinqala jekk depożiti f'istituzzjoni ta' kreditu li jkollha friegħi fi Stati Membri oħra ma jkunux aktar disponibbli; billi huwa ndispensabbli li jkun assigurat livell minimu ta' armonizazzjoni tal-protezjoni ta' depożiti kull meta depożiti jkunu lokalizzati fil-Komunità minħabba li protezjoni bħal din għal depositi hija essenzjali bħala regola prudenti għat-twettieq tas-suq singolu bankarju;~~

⇩ ġdid

(4) Id-Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda d-Direttiva 94/19/KE dwar skemi ta' garanzija għal depożiti fir-rigward tal-livell ta' kopertura u tad-dewmien tal-iżborż[18] ħtieġet lill-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, li tressaq proposti biex temenda d-Direttiva 94/19/KE. Dan jinvolvi l-armonizzazzjoni tal-mekkaniżmi tal-iffinanzjar tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti, mudelli possibbli għall-introduzzjoni ta' kontirbuzzjonijiet abbażi tar-riskji, il-benefiċċji u l-kostijiet ta' introduzzjoni possibbli ta' Skema ta' Garanzija tad-Depożiti mal-Unjoni kollha, l-impatt ta' leġiżlazzjonijiet diverġenti fir-rigward tal-kalkolu tal-valur nett u l-kontropretensjonijiet, fuq l-effiċjenza tas-sistema, l-armonizzazzjoni tal-ambitu tal-prodotti u d-depożitanti koperti.

18 ĠU L 68, 13.3.2009, p. 3.

🡻 94/19/KE, Premessa 8 (ġdid)

(5) Id-Direttiva 94/19/KE kienet ibbażata fuq il-prinċipju armonizzazzjoni minima. Konsegwentament, fl-Unjoni ġew stabbiliti diversità ta' Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti b'karatteristiċi differenti ħafna. Dan ikkawża distorsjoni fis-suq tal-istituzzjonijiet tal-kreditu u llimita l-benefiċċji tas-Suq Intern għad-depożituri. Billi armonizazzjoni għandha tkun illimitata għall-elementi ewlenija ta' skemi ta' garanzija ta' depożiti u, fi żmien qasir, għandha tassigura pagamenti permezz ta' garanzija ikkalkolati fuq il-bażi ta' livell minimu armonizzat;

⇩ ġdid

(6) Id-Direttiva għandha tippermetti kundizzjonijiet ugwali bejn l-istituzzjonijiet tal-kreditu, tippermetti lid-depożituri jifhmu faċilment il-karatteristiċi tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti u tiffaċilita pagament lura malajr lid-depożitanti permezz ta' Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti sodi u kredibbli fl-interess tal-istabbiltà finanazjarja. Għalhekk, il-protezzjoni tad-depożiti għandha tkun armonizzata u ssimplifikata sal-massimu possibbli.

🡻 94/19/KE, Premessa 3

(7) Billi fFil-każ ta' xoljiment ta' l-istituzzjoni ta' kreditu insolventi falluta id-depożitanti fi kwalunkwe f'xi friegħi li jkunu jinstabu fergħa li tkun tinsab fi Stat Membru apparti minn dak li fih l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha għandhom ikunu protetti bl-istess skema ta' garanzija bħad-depożitanti l-oħra tal-istituzzjoni.;

🡻 94/19/KE, Premessa 15 (adattat)

(8) Billi bFi prinċipju, din id-Direttiva teħtieġ li kull istituzzjoni ta' kreditu tissieħeb fi skema ta' garanzija tad-depożiti; billi id-Direttivi li jirregolaw id-dħul ta' xi istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha f'pajjiż li mhux membru, u partikolarment l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill (77/780/KEE) tat-12 ta' Diċembru 1977 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-bidu u l-insegwiment ta' negozji ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu [6] tippermetti l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk, u s-suġġetti għal liema kundizzjonijiet, jippermettu li l-friegħi ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw fit-territorji tagħhom; billi dawk il-friegħi m'għandhomx igawdu mill-libertà li jipprovdu servizzi permezz tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 59 tat-Trattat, l-anqas id-dritt ta' stabbiliment fi Stati Membri apparti minn dawk li fihom ikunu stabbiliti; billi, għalhekk, Stat Membru li jilqa' fergħat dawn il-friegħi ⌦ ta' istituzzjoni tal-kreditu li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz ⌫ għandu jiddeċiedi kif japplika il-prinċipji ta' din id-Direttiva fuq dawk il-fergħat friegħi ⌦ u jqis ⌫ bi qbil ma l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 77/780/KEE u mail-ħtieġa li jkunu protetti d-depożitanti turi u tinżamm l-integrità tas-sistema finanzjarja. H; billi huwa essenzjali li d-depożitantituri f'dawk il-

MT MT

fergħat rieghi ikunu kompletament konxji bl-arranġamenti ta' garanzija li jaffetwawhom.;

---

⇩ ġdid

(9) Għalhekk, fil-prinċipju, l-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha għandhom ikunu membri ta' Skema ta' Garanzija tad-Depożiti, għandu jkun irrikonoxxut li hemm sistemi li jipproteġu lill-istituzzjoni tal-kreditu stess (Skemi tal-Protezzjoni tal-Istituti ) u, partikolarment, jiżguraw il-likwidità u s-solvenza tagħha. Dawn l-iskemi jiggarantixxu protezzjoni lid-depożitanti lil hinn dik ipprovduta minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti . Jekk dawn l-iskemi huma differenti mill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti, ir-rwol addizzjonali ta' salvagwardja tagħhom għandu jitqies meta jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet tal-membri fl-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti. Il-livell armonizzat ta' kopertura ma għandux jaffettwa skemi li jipproteġu l-istituzzjoni tal-kreditu stess sakemm ma jħallsux lura lid-depożitanti. Id-depożitanti għandhom ikollhom pretensjoni fuq l-iskemi kollha, partikorlament jekk il-protezzjoni mill-Iskema ta' Garanzija Reċiproka ma tistax tkun żgurata. L-ebda skema jew sistema ma għandha għalhekk tiġi eskluża minn din id-Direttiva.

(10) L-iskemi tal-protezzjoni tal-instituzzjonijiet huma ddefiniti fl-Artikolu 80(8) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 fir-rigward tal-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' istituzzjonijiet tal-kreditu (riformulazzjoni) [traduzzjoni mhux uffiċjali][19] u jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti mill-awtoritajiet kompetenti jekk jissodisfaw il-kriterji kollha stipulati f'dak l-Artikolu u f'din id-Direttiva.

(11) Fil-kriżi finanzjarja riċenti, żidiet mhux koordinati fil-livelli tal-koperta madwar l-UE wasslu biex id-depożitanti jieħdu l-flus f'banek f'pajjiżi fejn il-garanziji tad-depożiti kienu ogħla. Dan xorob il-likwidità mill-banek fi żminijiet ta' diffikultà. Fi żminijiet ta' stabbiltà, livelli differenti ta' kopertura jistgħu jwasslu biex id-depożitanti jagħżlu l-ogħla protezzjoni tad-depożiti minflokk l-aktar prodott depożitarju adattat. Dan jista' jwassal għal distorsjoni fil-kompetittività fis-Suq Intern. Huwa għalhekk indispensabbli li jiġi żgurat livell ta' armonizzazzjoni tal-protezjoni tad-depożiti kull fejn jinsabu d-depożiti fl-Unjoni. Madankollu, ċerti prodotti marbuta mas-sitwazzjoni personali tad-depożitanti jistgħu jiġu koperti f'livell ogħla iżda għal żmien limitat.

---

🡻 2009/14/KE, Premessa 4
⇨ ġdid

(12) L-istess livell ta' kopertura għandu japplika għad-depożitanti kollha irrispettivament minn jekk il-munita tal-Istat Membru hijiex l-euro jew le ⇨ u irrispettivament minn jekk bank hux membru ta' sistema li tipproteġi lill-istituzzjoni tal-kreditu stess ⇦ .L-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro għandhom il-possibbiltà li jaġġustaw l-ammonti li jirriżultaw minn din il-konverżjoni għall-eqreb numru sħiħ mingħajr ma jikkompromettu l-protezzjoniħarsien

---

[19] ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

🡻 94/19/KE, Premessa 16 (adattat)

(13) Billi, mMinn naħa waħda, il-livell minimu ta' garanzija preskritt f'din id-Direttiva m'għandux iħalli proporzjon kbir ta' depożiti mingħajr protezzjoni fl-interess kemm tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbilità tas-sistema finanzjarja; billi, minn-naħa l-oħra, ma jkunx xieraq li jkun imponut matul il-Komunità kollha livell ta' protezzjoni li jista f'ċerti każi li jkollu l-effett li jinkoraġixxi amministrazzjoni mhix soda ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu; billi l-ispiża għal fondi ta' din l-iskema għandha tkun ikkunsidrata. Għalhekk billi għandu jidher raġjonevoli li jkun eżiġit livell minimu ta' garanzija armonizzata fil-livell ta' ⌦ EUR 100 000 ⌫ ECU 20000; billi arranġamenti tranżizzjonali illimitati jistgħu ikunu meħtieġa biex jiffaċilitaw li skemi jkunu konformi ma dik il-figura;

🡻 94/19/KE, Premessa 20 (adattat)

(14) IBillil-prinċipju ta' limitu minimu armonizzat għal kull depożitanttur aktar milli għal kull depożitu ġie miżmum. Għalhekk billi huwa għalhekk xieraq li tittieħed konsiderazzjoni tad-depożiti magħmula minn depożitantituri li jekk jew mhumiex imsemmija bħala dententuri ta' li jkollhom kont jew li mhumiex dententuri uniċi sidien waħedhom ta' kont; billi il-limitu għandu għalhekk ikun applikat għal kull depożitantitur identifikabbli. Dak; billidak m'għandux ikun applikabbli għall-impriżi tal-investimenti kollettivi suġġetti għal regoli speċjali ta' protezzjoni li mhumiex applikabbli għad-depożiti msemmija qabel.;

⇩ ġdid

(15) L-Istati Membri ma għandhomx jinżammu milli jistabbilixxu sistemi li jipproteġu l-pensjonijiet inġenerali, li għandhom joperaw separatament mill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti. L-Istati Membri ma għandhomx jinżammu milli jipproteġu ċerti depożiti għal raġunijiet soċjali jew b'rabta ma' tranżazzjonijiet immobiljari għal finijiet ta' reżidenza privata. Fil-każijiet kollha, għandhom jiġu osservati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

🡻 94/19/KE, Premessa 23 (adattat)
⇨ ġdid

(16) Billi Huwa mhux indispensabbli, f'din id-Direttiva, li jkunu armonizzati skemi finanzjarji li jiggarantixxu depożiti jew lill-istituzzjonijiet ta' kreditu nnifishom. meqjus, minnMin-naħa l-waħda, li l-ispiża tal-finanzjament ta' dawn l-iskemi trid tintrefa', bi prinċipju, ⇨ prinċipalment ⇦ mill-istituzzjonijiet ta' kreditu nnifishom; u, minnMin-naħa l-oħra, li l-kapaċità finanzjarja ta' dawn l-iskemi għandha tkun proporzjonata għar-responsabbiltajiet mal-obbligazzjonijiet tagħhom. ⇨Sabiex jiġi żgurat li d-depożitanti fl-Istati Membri kollha jgawdu livell għoli simili ta' protezzjoni

u l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti jsellfu flus lil xulxin fil-każ biss li jkunu saru sforzi sustanzjali ta' finanzjament mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti konċernata, il-finanzjament tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti għandu jiġi armonizzat f'livell għoli. ⇦ Dan madankollu ma għandux ~~billi dan m'għandux, madankollu,~~ ifixkel l-istabbiltà tas-sistema bankarja tal-Istat Membru konċernat.~~;~~

---

⇩ ġdid

(17) Sabiex il-protezzjoni tad-depożiti tiġi limitata safejn neċessarju ħalli tkun żgurata ċ-ċarezza legali u t-trasparenza għad-depożitanti u biex jiġi evitat li r-riskji tal-investiment jiġu ttrasferiti fuq l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti, ċerti prodotti finanzjarji b'karattru ta' investiment għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-kopertura, partikolarment dawk li mhumiex ripagabbli *in par* u dawk li l-eżistenza tagħhom tista' tiġi pprovata biss b'ċertifikat.

(18) Ċerti depożitanti ma għandhomx ikunu eleġibbli għall-protezzjoni tad-depożiti, partikolarment l-awtoritajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra. L-għadd limitat tagħhom meta mqabbel mad-depożitanti l-oħra kollha jimminimizza l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja f'każ li jfalli bank. Barra minn dan l-awtoritajiet għandhom aċċess ħafna aktar faċli għall-kreditu milli għandhom iċ-ċittadini. In-negozji mhux finanzjarji għandhom fil-prinċipju jkunu koperti, irrispettivament mid-daqs tagħhom.

(19) L-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE tal-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini ta' ħasil tal-flus [20] jipprovdi definizzjoni għal ħasil tal-flus. Abbażi ta' din id-definizzjoni, id-depożitanti għandhom jiġu esklużi mill-pagamenti mill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

---

🡻 94/19/KE, Premessa 4

(20) ~~Billi~~ Il-kost għall-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jipparteċipaw fi skema ta' garanzija ma għandu l-ebda relazzjoni mal-ispiża li tirriżulta minn ġbir massiv ta' depożiti fil-bank mhux biss mill-istituzzjoni ta' kreditu f'diffikultajiet imma wkoll mill-instituzzjonijiet b'saħħithom, wara li jkun hemm telf ta' fiduċja tad-depożitanti~~turi~~ fis-sodizza tas-sistema bankarja~~;~~.

---

⇩ ġdid

(21) Huwa indispensabbli li l-mezzi finanzjarji disponibbli tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti jammontaw sa ċertu livell fil-mira u li jkunu jistgħu jinġabru kontribuzzjonijiet straordinarji. Fejn meħtieġ, l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti għandu jkollhom fis-seħħ arranġamenti ta' finanzjar alternattivi u adegwati sabiex jippermettulhom jiksbu fondi f'qasir żmien ħalli jissodisfaw il-pretensjonijiet li jsuru fuqhom.

---

[20] ĠU L 166, 28.6.1991, p. 77.

(22) Il-mezzi finanzjarji tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti għandhom prinċipalment jintużaw biex jitħallsu lura d-depożitanti. Huma jistgħu, madankollu, jintużaw ukoll biex jkun iffinanzjat it-trasferiment ta' depożiti għand istituzzjonijiet tal-kreditu oħra, sakemm l-ispejjeż imġarrba mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti ma jaqbżux l-ammont ta' depoziti koperti fl-istitut tal-kreditu konċernat. Jistgħu wkoll sa ċertu punt, kif iċċirkoskrit fid-Direttiva, jintużaw biex tiġi ffinanzjata l-privenzjoni ta' fallimenti ta' banek. Dawn il-miżuri għandhom ikunu konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan huwa bla preġudizzju għall-politika futura tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' fondi ta' risoluzzjoni mill-banek nazzjonali.

(23) It-tabella 1 tal-punt 14 tal-Anness I għad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital tal-impriżi tal-investiment u l-istituzzjonijiet tal-kreditu (riformulazzjoni) [traduzzjoni mhux uffiċjali][21] tpoġġi riskji fuq ċerti assi. Dan l-anness għandu jitqies sabiex jiġi żgurat li l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti jinvestu biss f'assi b'riskju baxx.

(24) Il-kontribuzzjonijiet lil Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti għandhom iqisu l-grad ta' riskju li jieħdu l-membri tagħhom. Dan għandu jippermetti li l-profili tar-riskji tal-banek individwali jiġu riflessi u jwassal għal kalkolu ġusta tal-kontribuzzjonijiet u biex jingħataw inċentivi ħalli joperaw skont mudell ta' negozju inqas riskjuż. L-iżvilupp ta' sett mandatorju ta' indikaturi ewlenin għall-Istati Membri kollha u sett ieħor fakultattiv u supplementari ta' indikaturi għandhom jintroduċu din l-armonizzazzjoni gradwalment.

---

| 🡻 94/19/KE, Premessa 25 (ġdid) ⇨ ġdid |
|---|

(25) ~~Billi~~ Il-protezzjoni ta' depożiti hija element essenzjali fit-twettieq tas-suq intern u supplement indispensabbli tas-sistema ta' superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minħabba s-solidarjetà li toħloq fost l-istituzzjonijiet kollha f'suq finanzjarju partikolari fil-każ ta' ~~nuqqas~~ falliment ta' xi wieħed minnhom.~~;~~ ⇨Għalhekk, l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti għandhom ikunu kapaċi jsellfu flus lil xulxin f'każ ta' bżonn. ⇦

---

| 🡻 2009/14/KE, Premessa 10 (adattat) ⇨ ġdid |
|---|

(26) Il-perijodu ~~ta' tliet xhur previst attwalment~~ għa~~r-rimbors~~ll-iżborż~~, li jista' jiġġedded għal disa' xhur,~~ ⌦ ta' massimu ta' sitt ġimgħat mill-31 ta' Diċembru 2010 ⌫, imur kontra l-ħtieġa li tinżamm il-fiduċja tad-depożitanti u ma jissodisfax il-ħtiġijiet tagħhom. Iż-żmien għall-iżborż~~r-rimbors~~ għandu għalhekk jitnaqqas għal perjodu ta' ⇨ ġimgħa ⇦ ~~għoxrin jum ta' xogħol. Dak il-perijodu għandu jkun estiż biss taħt ċirkostanzi eċċezzjonali u wara approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-~~

---

[21] ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.

~~Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-effettività u ż-żmien tal-proċeduri għar-rimbors li jevalwa jekk tnaqqis ieħor taż-żmien għal 10 ijiem ta' xogħol ikunx adatt.~~

---

⇩ ġdid

(27) l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti fl-Istati Membri fejn istituzzjoni tal-kreditu tkun stabbilixxiet fergħat jew fejn tipprovdi servizzi direttament, għandhom jinfurmaw u jħallsu lura lid-depożitanti f'isem l-Iskema fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni tal-kreditu kienet awtorizzata. L-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti li jistgħu jkunu konċernati għandhom jidħlu fi ftehimiet minn qabel ħalli jiffaċilitaw dawn il-kompiti.

---

🡻 94/19/EC, Premessa 21
⇨ ġdid

(28) ~~Billi i~~L-Informazzjoni hija element essenzjali fil-protezzjoni ta' depożitanti~~turi~~ ~~u għandhom għalhekk ukoll ikunu suġġetti għal numru minimu ta' dispożizzjonijiet li jorbtu;~~ ⇨ . Għalhekk, id-depożitanti eżistenti għandhom ikunu infurmati, fir-rapporti dwar il-kontijiet tagħhom, dwar il-kopertura u l-iskema responsabbli tagħhom, filwaqt li dawk b'intenzjoni li jsiru depożitanti billi jikkontrofirmaw karta standardizzata ta' informazzjoni. Il-kontenut ta' din l-informazzjoni għandu jkun identiku għad-depożitanti kollha. ⇦ ~~billi, madankollu, l~~L-użu mhux regolat fir-reklamar ta' referenzi lejn l-ammont u l-ambitu ~~iskop~~ ta' skema ta' garanzija ta' depożiti tista' taffettwa l-istabbiltà tas-sistema bankarja jew tal-fiduċja tad-depożitanti~~tur; billi l-Istati Membri għandhom għalhekk jistabbilixxu regoli biex jillimitaw dawn ir-referenzi;~~ ⇨ . Għalhekk, referenza għall-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti fir-riklami għandha tkun limitata għal referenza qasira u fattwali. Sistemi li jipproteġu lill-istituzzjoni tal-kreditu stess għandhom jinfurmaw b'mod ċar lid-depożitanti dwar il-funzjoni tagħhom mingħajr ma jwiegħdu protezzjoni bla limiti tad-depożiti. ⇦

---

⇩ ġdid

(29) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data [dejta] personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [dejta][22] tapplika għall-ipproċessar tad-dejta personali li titwettaq skont din id-Direttiva.

---

🡻 94/19/KE, Premessa 24

(30) ~~Billi d~~Din id-Direttiva ma tistax tirriżulta li l-Istat Membru jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkunu responsabbli fir-rigward ta' depożitanti~~turi~~ jekk huma jkunu ~~assi~~żguraw li skema waħda jew aktar li tiggarantixxi depożiti jew l-istituzzjonijiet ta'

---

[22] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

kreditu nnifishom u tiż~~assi~~gura kumpens jew protezzjoni tad-depożitanti~~turi~~ skont il-kundizzjonijiet preskritti f’din id-Direttiva kienu ġew introdotti u uffiċjalment rikonoxxuti~~;~~.

---

⇩ ġdid

(31) Il-Kummissjoni fil-proposta tagħha għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea tat-23 ta' Settembru 2009[23] ressqet abbozz ta' leġiżlazzjoni li joħloq Sistema Ewropea ta' Superviżuri Finanzjarji u pprovdiet dettalji dwar l-istruttura ta' dan il-qafas superviżorju ġdid fosthom il-ħolqien ta' Awtorità Bankarja Ewropea.

(32) Filwaqt li tirrispetta s-superviżjoni tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti mill-Istati Membri, l-Awtorità Bankarja Ewropea għandha tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan li jsir eħfef għall-istituzzjonijiet tal-kreditu li jibdew u jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw protezzjoni effikaċi għad-depożitanti. Għal dak il-għan, l-Awtorità għandha tikkonferma li l-kundizzjonijiet tas-self bejn l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti stipulati f'din id-Direttiva huma ssodisfati u tiddikjara, fil-limiti stretti stabbiliti minn din id-Direttiva, l-ammonti li jistgħu jissellfu minn kull skema, ir-rata ta' mgħax inizjali kif ukoll it-tul tas-self. F'dan ir-rigward, l-Awtorità Bankarja Ewropea għandha wkoll tiġbor l-informazzjoni dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti, partikolarment fuq l-ammonti ta' depożiti koperti minnhom, kif ikkonfermati mill-awtoritajiet kompetenti. Għandha tinfurma lill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti l-oħra dwar l-obbligu tagħhom li jsellfu.

(33) Hemm ħtieġa li jiġi introdott strument effikaċi biex jiġu stabbiliti standards tekniċi armonizzati fis-servizzi finanzjarji ħalli jkunu żgurati kundizzjonijiet ugwali u protezzjoni xierqa tad-depożitanti madwar l-Ewropa. Dawn l-istandards għandhom jiġu żviluppati sabiex tiġi standardizzata l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet abbażi tar-riskju.

(34) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u effikaċi tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti u kunsiderazzjoni bbilanċjata tal-pożizzjonijiet tagħhom fl-Istati Membri differenti, l-Awtorità għandha tkun kapaċi ssolvi n-nuqqasijiet ta’ qbil bejniethom b’effett vinkolanti.

(35) Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Artikolu 5(5).

(36) Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-għanijiet tal-azzjoni li tkun ser tittieħed, jiġifieri l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-funzjonament tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti, jistgħu jintlaħqu biss fil-livell tal-Unjoni. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

---

23 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea - COM(2009) 501.

(37) L-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sustanzjali meta mqabbla mad-Direttivi preċedenti. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joriġina mid-Direttivi preċedenti.

(38) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stipulati fl-Anness IV,

---

🡻 94/19/KE

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

⇩ ġdid

*Artikolu 1*

*Suġġett u ambitu*

1. Din id-Direttiva tistipula r-regoli dwar il-funzjonament tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti kollha fuq bażi statutorja jew kontrattwali kif ukoll għall-iskemi tal-protezzjoni tal-istituzzjonijiet rikonoxxuti bħala Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

3. L-iskemi tal-protezzjoni tal-instituzzjonijiet iddefiniti fl-Artikolu 80(8) tad-Direttiva 2006/48/KE jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti mill-awtoritajiet kompetenti jekk jissodisfaw il-kriterji kollha stipulati f'dak l-Artikolu u f'din id-Direttiva.

4. L-iskemi tal-protezzjoni tal-istituzzjonijiet li mhumiex rikonoxxuti skont il-paragrafu 3 u li ma jiggarantixxux depożiti ma għandhomx ikunu soġġetti għal din id-Direttiva, ħlief għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(5) u tal-aħħar subparagrafu tal-Anness III.

---

🡻 94/19/KE, Artikolu 1.1 (ġdid)

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

1. Għall-finijiet~~iskopijiet~~ ta' din id-Direttiva:

(a)~~1.~~ 1. "depożitu" ~~għandha~~ tfisser kwalunkwe ~~xi~~ bilanċ ta' kreditu li jirriżulta minn fondi li jitħallew f'kont jew minn sitwazzjonijiet temporanji li joħorġu minn tranżazzjonijiet bankarji normali u li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tħallas skont il-kondizzjonijiet legali u kontrattwali applikabbli~~, u xi dejn b'xhieda ta' ċertifikat maħruġ mill-istituzzjoni ta' kreditu~~.

Ishma f'building societies fir-Renju Unit u l-Irlanda apparti minn dawk ta' natura kapitali koperti bl-Artikolu 2 għandhom ikunu meqjusa bħala depożiti.

~~Bonds (titoli) li jissodisfaw il-kundizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi rigward intrapriżi għal~~

investiment kollettiv f'sigurtajiet trasferibbli (Ucits)[24] m'għandhomx ikunu meqjusa bħala depożiti.

Għall-iskop li jkun ikkalkulat bilanċ ta' kreditu, l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli u r-regolamenti rigward ir-rikumpens u l-kontra-pretensjonijiet skond il-kundizzjonijiet legali u kuntrattwali applikabbli għal depożitu;

---

⇩ ġdid

Strument ma għandux ikun depożitu fl-ebda ċirkustanza li ġejja:

l-eżistenza tiegħu tista' tiġi ppruvata biss b'ċertifikat li mhumiex rapport tal-kont;

il-kapital mhux ripagabbli at par;

il-kapital tiegħu huwa ripagabbli biss *in par* taħt garanzija jew ftehim partikolari mogħti mill-istituzzjoni tal-kreditu jew parti terza; ⇦

(b) 'depożiti eliġibbli' huma depożiti li mhumiex esklużi mill-protezzjoni skont l-Artikolu 4;

(c) 'depożiti koperti' huma depożiti eliġibbli li ma jaqbżux il-livell ta' kopertura msemmi fl-Artikolu 5;

---

🡻 94/19/KE, Artikolu 1.2

(d)2. 'kont konġunt' għandu jtfisser kont miftuħ fl-ismijiet ta' tnejn jew aktar persuni jew li fuqhom tnejn jew aktar persuni jkollhom drittijiet li joperaw permezz ta' firma ta' wieħed jew aktar minn dawk il-persuni;

---

🡻 94/19/KE, Artikolu 1.3

(e)3. 'depożiti mhux disponibbli' għandu jtfisser depożitu li huwa dovut u pagabbli imma li ma kienx ġie mħallas mill-istituzzjoni ta' kreditu permezz tal-kundizzjonijiet legali u kuntrattwali applikabbli dwarhom, li kienu jew:

(i) l-awtoritajiet kompetenti relevanti jkunu ddeterminaw li fl-aspett tagħhom l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tkun tidher li ma tkunx tista' għal issa, għal raġunijiet li huma direttament relatati maċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħha, li jitħallas lura d-depożitu u li ma jkollha l-ebda prospett attwali li jkun jista jsir dan.

---

[24] ĠU L 375, tal-31.12.1985, p. 3. 6. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/220/KEE 6. (ĠU L 100, tad-19.4.1988, p. 31.).

🡻 2009/14/KE Artikolu 1.1

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dik id-determinazzjoni malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol wara li l-ewwel ikunu sodisfatti li istituzzjoni ta' kreditu tkun naqset milli tħallas lura depożiti li huma dovuti u pagabbli; jew

🡻 94/19/KE, Artikolu 1.1 (ġdid)

(ii) awtorità ġudizzjarja li tkun tat digriet għar-raġunijiet li huma direttament relatati maċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-effett li tissospendi l-abbiltà ta' depożitantituri li jagħmlu pretensjonijiet kontra tagħha, għandha sseħħ qabel ma' d-determinazzjoni msemmija hawn fuq tkun saret;

(f)4. 'istituzzjonijiet ta' kreditu' għandha tfisser impriża li n-negozju tagħha jkun li tirċievi depożiti jew fondi oħra ri-pagabbli mill-pubbliku u li tagħti krediti mill-kont tagħha ⇨ ddefinita skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE ⇦ ;

(g)5. 'fergħa' għandha tfisser il-post tan-negozju li jifforma parti legalment dipendenti mill-istituzzjoni ta' kreditu u li twettaq direttament it-tranżazzjonijiet kollha jew parti minnhom inerenti fin-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu;

⇩ ġdid

(h) 'livell fil-mira' tfisser 1.5% tad-depożiti eleġibbli għal kopertura li tkun responsabbli għalihom Skema ta' Garanzija tad-Depożiti;

(i) 'mezzi finanzjarji disponibbli ' tfisser kontanti, depożiti u assi b'riskju baxx bi żmien residwu għall-maturazzjoni finali ta' 24 xahar jew anqas, li jkunu jistgħu jiġu likwiditati f'limitu ta' żmien li ma jaqbiżx il-limitu stipulat fl-Artikolu 7(1);

(j) 'assi b'riskju baxx' tfisser assi li jaqgħu f'waħda mill-kategoriji stipulati fl-ewwel u fit-tieni kategorija tat-Tabella 1 tal-punt 14 tal-Anness I għad-Direttiva 2006/49/KE iżda li jeskludu partiti oħra li jikkwalifikaw kif definit fil-punt 15 ta' dak l-Anness;

(k) 'Stat Membru tad-domiċilju' tfisser l-Istat Membru li fih ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha l-istituzzjoni tal-kreditu;

(l) 'Stat Membru osptitanti' tfisser l-Istat Membru li fih l-istituzzjoni tal-kreditu jkollha fergħa jew minn fejn tipprovdi servizzi;

(m) 'awtoritajiet kompetenti' tfisser awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2006/48/KE.

2. Fejn din id-Direttiva tirreferi għar-[regolament tal-ABE], il-korpi li jamministraw l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti għandhom, għall-fini ta' dan ir-regolament, jitqiesu awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 2(2) tar-[regolament ABE].

| |
|---|
| ➔ 94/19/KE, Artikolu 3<br>➔1 2005/1/KE, Artikolu 2<br>⇨ ġdid |

*Artikolu 3*

*Sħubija u superviżjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jiżassigura li fit-territorju tiegħu, waħda jew aktar Ssskemi ta' Ggaranzija tad-Ddepożitiu jkunu introdotti u uffiċjalment rikonoxxuti.

⇨ Dan ma għandux jeskludi fużjoni ma' skemi ta' Stati Membri differenti. ⇦

Hlief f'ċirkostanzi maħsuba fit-tieni sub-paragrafu u l-paragrafu 4, lL-ebda istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata f'dak l-Istat Membru bis-saħħa ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 77/780/EEC ma tista' tieħu depożiti sakemm ma tkunx membru ta' skema bħal dik.

Stat Membru jista, madankollu, jeżenta lill-istituzzjoni ta' kreditu mill-obbligazzjoni li tappartjeni lejn skema ta' garanzija ta' depożitu meta dik l-istituzzjoni ta' kreditu tappartjeni lejn skema li tipproteġi l-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha u partikolarment tassigura l-likwidità u l-istabbilità tagħha, b'hekk tiggarantixxi protezzjoni għad-depożitaturi mill-anqas ekwivalenti għal dawk ipprovduti bi skema ta' garanzija ta' depożitu, u li, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, iwettqu dawn il-kundizzjonijiet:

– is-sistema għandha tkun eżistenti u tkun ġiet uffiċjalment rikonoxxuta meta din id-Direttiva tkun adottata,

– is-sistema għandha tkun iddisinjata sabiex ma tħallix li d-depożiti ma' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jappartjenu għas-sistema milli ma jkunux disponibbli u li jkollha r-riżorsi meħtieġa għal dak l-iskop, għad-dispożizzjoni tagħha,

– is-sistema m'għandhiex tikkonsisti minn garanzija mogħtija lill-istituzzjoni ta' kreditu minn l-Istat Membru nnifsu jew minn xi awtoritajiet lokali jew reġjonali tiegħu,

– is-sistema għandha tassigura li d-depożitaturi jkunu nfurmati skond it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9.

Dawk l-Istati Membri li jagħmlu użu minn din l-għażla għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni kif xieraq; partikolarment, huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-karatteristiċi ta' xi sistemi protettivi u l-istituzzjonijiet ta' kreditu koperti minnhom u xi tibdiliet sussegwenti fl-informazzjoni fornuta. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-➔1 Kumitat Konsultattiv Bankarju ⇐dwar dan.

2. Jekk l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx konformi mal-obbligiazzjonijiet mitfuħa fuqha bħala membru ta' Ssskema ta' Ggaranzija ta' Dddepożitu, l-awtoritajiet

kompetenti li jkunu ħarġu l-awtorizzazzjoni tagħha għandhom ikunu nnotifikati u, b'kollaborazzjoni mal-iskema ta' garanzija, għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa inklużi l-impożizzjonijiet ta' sanzjonijiet biex jassiiżguraw li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun konformi mal-obbligiazzjonijiet tagħha.

3. Jekk dawk il-miżuri jonqsu milli jiżguraw konformità min-naħa tal-istituzzjoni ta' kreditu, l-iskema tista', meta l-liġi nazzjonali tippermetti l-esklużjoni ta' membru, bil-kunsens espress tal-awtoritajiet kompetenti, tagħti notifika ta' mhux anqas minn ⇨ xahar (1) ⇦ 12-il xhar tal-intenzjoni tagħha li teskludi l-istituzzjoni ta' kreditu mis-sħubija tal-iskema. Depożiti magħmula qabel ma jiskadi l-perijodu tan-notifika għandhom jibqgħu li jkunu koperti bis-sħieħ mill-iskema. Jekk, meta jiskadi l-perijodu tan-notifika, l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx konformi mal-obbligiazzjonijiet tagħha, l-iskema ta' garanzija ⇨ għandha ⇦ tista', għal darba oħra takkwista l-kunsens espress ta' l-awtorità kompetenti, tipproċedi għal esklużjoni.

4. Meta l-liġi nazzjonali tippermetti, u bil-kunsens espress ta' l-awtoritajiet kompetenti li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni tagħha, l-istituzzjoni ta' kreditu eskluża minn skema ta' garanzija ta' depożitu tista' tibqa li taċċetta depożiti jekk, qabel ma tkun eskluża, li tkun għamlet arranġamenti alternattivi ta' garanzija li jassiguraw li d-depożitaturi jgawdu livell u skop ta' protezzjoni mill-anqas ekwivalenti bħal dik offruta mill-iskema uffiċjalment magħrufa.

5. Jekk l-istituzzjoni ta' kreditu li l-esklużjoni tagħha tkun proposta abbażi tal-paragrafu 3 ma tkunx tista' tagħmel arranġamenti alternattivi li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet preskritti fil-paragrafu 4, allura l-awtoritajiet kompetenti li jkunu ħarġu l-awtorizzazzjoni tagħhom, għandhom jirrevokawha minnufih.

---

| ➜ 94/19/KE, Artikolu 5 (adattat) |
|---|

4. Id-depożiti miżmuma meta titneħħa l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata skont bis-saħħa tal-Artikolu ⌦ 6 tad-Direttiva 2006/48/KE ⌫ 3 tad-Direttiva 77/780/EEC, għandhom jibqgħu jkunu koperti għandha tibqa tkun koperta mill-iskema tal-garanzija.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

5. L-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti kollha msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu supervizzati għall-konformità tagħhom ma' din id-Direttiva mill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi kontinwa.

---

| ➜ 2009/14/KE Artikolu 1.6(a) (ġdid) |
|---|

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Iiskemi ta' Ggaranzija għad-Ddepożiti jwettqu testijiet regolari tas-sistemi tagħhom u li, jekk xieraq, jiġu infurmati fil-każ li

l-awtoritajiet kompetenti jiskopru problemi f'istituzzjoni ta' kreditu li x'aktarx jagħtu lok għall-intervent ta' S~~s~~kemi ta' ~~g~~Garanzija għad-~~d~~Depożiti.

---

⇩ ġdid

Dawn it-testijiet għandhom isiru tal-anqas kull tliet snin jew meta jirrikjedu ċ-ċirkustanzi. L-ewwel test għandu jitwettaq sal-31 ta' Diċembru 2013.

F'dan ir-rigward l-Awtorità Bankarja Ewropea għandha twettaq perjodikament analiżijiet bejn il-pari skont l-Artikolu 15 tar-[regolament tal-ABE]. L-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti għandhom ikunu marbuta bis-segretezza professjonali msemmija fl-Artikolu 56 ta' dak ir-Regolament meta jiskambjaw informazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti, fi kwalunkwe ħin u fuq talba tagħhom jirċievu mingħand il-membri tagħhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jitħejja ripagament tad-depożitanti, fosthom il-marki taħt l-Artikolu 4(2). L-informazzjoni meħtieġa biex jitwettaq test tal-istress għandha tkun ippreżentata lill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti fuq bażi kontinwa. Din l-informazzjoni għandha tkun anonima. L-informazzjoni miksuba tista' tintuża biss għat-twettiq tat-test tal-istress jew fit-teħħija ta' ripagamenti u ma għandhiex tinżamm aktar milli hu meħtieġ għal dawk il-finijiet.

---

🡻 94/19/KE, Artikolu 2 (adattat)

*Artikolu 4*

*Eliġibbiltà tad-depożiti*

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu esklużi minn ~~xi~~ kwalukwe ripagament minn S~~s~~kemi ta' G~~g~~aranzija ~~ta' pagament lura~~:

(a) suġġett għal-Artikolu 6~~8~~(3), depożiti magħmula mill-istituzzjonijiet ta' kreditu oħra f'isimhom jew ~~għal kont~~ ⌦ għan-nom ⌫ tagħhom,

(b) l-istrumenti kollha li jidħlu fid-definizzjoni ta' 'fondi tagħha' fl-Artikolu ⌦ 57 tad-Direttiva⌫~~2 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/299/KEE tas-17 ta'April 1989 dwar il-fondi tagħhom ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu~~[25] ,

(c) depożiti li joriġinaw minn tranżazzjonijiet li b'konnessjoni magħhom kien hemm kundanna kriminali għal ~~money laundering~~ħasil tal-flus kif definit fl-Artikolu 1 ⌦ (C) ⌫ tad-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE

---

25 ~~*ĠU L 124, tal-5.5.1989, p. 16. Id-Direttiva kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 92/16/KEE (ĠU L 75, tal-21.3.1992, p. 48)..*~~

⇩ ġdid

(d) depożiti minn istituzzjonijiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(e) depożiti minn ditti tal-investiment kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;

(f) depożiti li d-detenturi tagħhom qatt ma ġew identifikati skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 91/308/KEE, meta ma jiqbgħux disponibbli,

(g) depożiti minn impriżi tal-assigurazzjoni,

(h) depożiti minn impriżi tal-investiment kollettiv,

(i) depożiti minn fondi tal-pensjonijiet u tal-irtirar,

(j) depożiti mill-awtoritajiet,

(k) titoli ta' dejn maħruġa minn istituzzjoni tal-kreditu u obbligazzjonijiet li joriġinaw mill-aċċettazzjonijiet proprji u kambjali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-kreditu jimmarkaw id-depożiti msemmija fil-paragrafu 1 b'mod li dawn id-depożiti jkunu jistgħu jiġu identifikati immedjadament.

---

🡻 2009/14/KE Artikolu 1.3(a) (adattat)

*Artikolu 5*

*Livell ta' kopertura*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kopertura għad-depożiti aggregati ta' kull depożitantant għandha tkun ta' ~~mill-anqas~~ EUR ⌦ 100 000 ⌫ ~~50000~~fil-każ li d-depożiti ma jkunux disponibbli.

~~1a. Sal- 31 ta' Diċembru 2010, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kopertura għad-depożiti aggregati ta' kull depożitant għandha tkun iffissata għal EUR 100000 fil-każ li d-depożiti ma jkunux disponibbli.~~

~~Jekk fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 12, il-Kummissjoni tikkonkludi li din iż-żieda u din l-armonizzazzjoni mhumiex xierqa u finanzjarjament vijabbli għall-Istati Membri kollha sabiex jiġu żgurati l-ħarsien tal-konsumatur u l-istabilità finanzjarja fil-Komunità u biex jiġu evitati distorsjonijiet transkonfini bejn l-Istati Membri, hija għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex jiġi emendat l-ewwel subparagrafu.~~

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti ma jiddevjawx mil-livell ta' kopertura stabbilit fil-paragrafu 1. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-depożiti li ġejjin ikunu koperti sakemm l-ispejjeż ta' dawn ir-ripagamenti mhumiex soġġetti għall-Artikoli 9, 10 u 11:

(a) depożiti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet immobiljari għal finijiet reżidenzjali sa 12-il xahar wara li l-ammont ikun ġie kkreditat;

(b) depożiti li jissodisfaw kunsiderazzjonijiet soċjali definiti fil-liġi nazzjonali u li huma marbuta ma' avvenimenti partikolari matul il-ħajja bħal żwieġ, divorzju, invalidità jew mewt ta' depożitant. Il-kopertura ma għandhiex taqbeż perjodu ta' 12-il xahar wara dan l-avveniment.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu jew jintroduċu skemi li jipproteġu prodotti ta' provediment u pensjonijiet tal-anzjanità, sakemm dawn l-iskemi ma jkoprux biss id-depożiti iżda joffru kopertura komprenżiva tal-prodotti u s-sitwazzjonijiet rilevanti f'dan ir-rigward.

---

🡻 2009/14/KE Artikolu 1.3(a) (ġdid)

4~~1b~~. ⇨ Id-depożiti għandhom jitħallsu fil-munita li fiha jkun il-kont. ~~L-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li jaqilbu~~Jekk l-ammonti espressi f'euro msemmijin fil-paragrafu 1 ~~u 1a~~ ⌦ jiġu kkonvertiti ⌫ f'~~il-~~muniti nazzjonali ⌦ oħra ⌫ ~~tagħhom għandhom jiżguraw li~~ l-ammonti ~~fil-muniti nazzjonali~~ effettivament imħallsa lid-depożitanti ~~huma~~ ⌦ għandhom ikunu ⌫ ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'din id-Direttiva.

---

⇩ ġdid

5. L-Istati Membri li jikkonvertu l-ammonti espressi f'euro fil-munità nazzjonali tagħhom għandhom għall-ewwel jużaw fil-konverżjoni r-rata tal-kambju tal-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw l-ammonti li jirriżultaw mill-konverżjoni, sakemm dan l-aġġustament ma jaqbiżx EUR 2 500.

Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu preċedenti, l-Istati Membri għandhom jaġġustaw il-livelli ta' kopertura kkonvertiti f'muniti oħra sal-ammont imsemmi fil-paragrafu darba kull ħames snin. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu aġġustamenti tal-livelli ta' kopertura aktar kmieni, wara li jkunu kkonsultaw lill-Kummissjoni, wara li jseħħu xi avvenimenti mhux previsti bħal ċaqliċ fil-munita.

↓ 94/19/KE, Artikolu 7.2 (ġdid)

~~2.~~ ~~L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li ċerti depożitaturi jew depożiti għandhom ikunu esklużi mill-garanzija jew għandhom jingħataw livell anqas ta' garanzija. Dawk l-esklużjonijiet huma mniżżla fl-Anness I.~~

↓ 2009/14/KE Artikolu 1.3(b) (ġdid)

~~3.~~ ~~Il-paragrafu 1a m'għandux jipprekludi ż-żamma ta' dispożizzjonijiet li kienu joffru, qabel l- 1 ta' Jannar 2008, notevolment għal konsiderazzjonijiet soċjali, kopertura sħiħa għal ċerti tipi ta' depożiti.~~

↓ 2009/14/KE Artikolu 1.3(c)

---

↓ 94/19/KE, Artikolu 7.5 (adattat)
⇨ ġdid

6. L-ammont li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 għandu jkun irrevedut perjodikament mill-Kummissjoni mill-anqas kull ħames snin. Jekk xieraq, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Direttiva biex tagħmel aġġustament għall-ammont li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1, billi ~~jittieħed akkont~~ ⌦ jitqies ⌫ partikolarment ta' żviluppi fis-settur bankarju u fis-sitwazzjoni ekonomika u monetarja fi~~l~~-~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫. L-ewwel reviżjoni m'għandhiex isseħħ ⌦ qabel il-31 ta' Diċembru 2015 ⌫ ~~ħlief wara ħames snin mit-tmiem tal-perijodu li hemm referenza għalih fl-Artikolu 7(1), it-tieni sub-paragrafu~~⇨ sakemm ma ssirx meħtieġa reviżjoni aktar kmieni minħabba avvenimenti mhux previsti. ⇦.

↓ 2009/14/KE Artikolu 1.3(d) (ġdid)

7. Il-Kummissjoni tista' taġġusta l-ammonti msemmija fil-paragraf~~i~~u 1 ~~u 1a~~ skont l-inflazzjoni fl-Unjoni Ewropea abbażi tal-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea.

Dik il-miżura, imfassla sabiex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandha tkun adottata skont ⌦ l-Artikolu 16 ⌫ ~~il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7a(2).";~~.

↓ 94/19/KE, Artikolu 8 (adattat)

*Artikolu 6*

*Determinazzjoni tal-ammont ripagabbli*

1. Il-limiti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 57(1), (3) u (4) għandhom ikunu applikabbli għal depożiti aggregati imqiegħda mal-istess istituzzjoni ta' kreditu irrispettivament min-numru ta' depożiti, il-munita u l-lokalità fil- ⌦ Unjoni ⌫ Komunità.

2. Is-sehem ta' kull depożitant atur fil-kont konġunt għandu jitqies fil-kalkolu tal-limitui li hemm dispożizzjoni dwarhom previst fl-Artikolu 57(1), (3) u (4).

Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċjali, kont bħal dak għandu jitqassam b'mod indaqs fost id-depożitantituri.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li depożiti f'kont li għalih tnejn jew aktar persuni jkunu intitolati bħala membri ta' sħubija ta' negozju, assoċjazzjoni jew gruppi ta' natura simili, mingħajr personalità legali, jistgħu jkunu aggregati u ttratati bħallikieku kienu magħmula minn depożitant tur wieħed għall-iskop fini tal-kalkolu tal-limitui li hemm dispożizzjoni dwarhom previst fl-Artikolu 57(1), (3) u (4).

3. Meta depożitant tur ma jkunx assolutament intitolat għas-somom miżmuma f'kont, il-persuna li tkun assolutament intitolata għandha tkun koperta mill-garanzija, basta li dik il-persuna tkun ġiet identifikata jew tkun identifikabbli qabel id-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu d-determinazzjoni deskritta fl-Artikolu 2(5)1(3)(i) jew li l-awtorità ġudizzjarja tkun tat il-verdett tagħha kif deskritt fl-Artikolu 2(5)1(3) (ii). Jekk ikun hemm diversi persuni li jkunu assolutament intitolati, is-sehem ta' kull wieħed permezz tal-arranġamenti li suġġett għalihom is-somom huma amministrati għandhom ikunu meqjusa meta l-limitui li hemm dispożizzjoni dwarhomprevisti fl-Artikolu 57(1), (3) u (4) ikunu ikkalkolati.

⇩ ġdid

4. Id-data ta' referenza għall-kalkolu tal-ammont ripagabbli għandha tkun id-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu d-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(e)(i) jew meta l-awtorità ġudizzjarja tieħu d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(e)(ii). L-obblikazzjonijiet tad-depożitant lejn l-istituzzjoni tal-kreditu ma għandhomx jitqiesu meta jiġi kkalkulat l-ammont ripagabbli.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti jkunu jistgħu fi kwalunkwe ħin jitolbu lill-istituzzjonijet tal-kreditu biex jinfurmawhom dwar l-ammonti aggregati ta' depożiti ta' kull depożitant.

6. L-imgħax fuq id-depożiti li jkun akkumula iżda li ma jkunx ġie kkreditat sa dik id-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu d-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(e)(i) jew meta l-awtorità ġudizzjarja tieħu d-deċiżjoni msemmija fl-

Artikolu 2(1)(e)(ii) għandhom jiġu rimborżati mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti. Il-limitu msemmi fl-Artikolu 5(1) ma għandux jinqabeż.

Jekk l-imgħax jiddipendi fuq il-valur ta' strument finanzjarju ieħor u jista' għalhekk jiġi ddeterminat mingħajr ma jiġi mhedded l-iżborż sal-iskadenza msemmija fl-Artikolu 7(1), ir-rimborż ta' dan l-imgħax għandu jkun limitat għar-rata tal-imgħax stabbilita skont il-liġi nazzjonali.

7. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti kategoriji ta' depożiti li jissodisfaw skop soċjali definit mil-liġi nazzjonali, li għalihom parti terza tkun tat garanzija konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ma jitqiesux meta jiġu aggregati d-depożiti li jkollu l-istess depożitant mal-istess istituzzjoni tal-kreditu kif imsemmi fil-paragrafu 1. F'dawn il-każijiet il-garanzija tal-parti terza għandha tiġi limitata għall-kopertura stabbilita bl-Artikolu 5(1).

~~4. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tkun applikabbli għall-intrapriżi ta' investiment kollettiv.~~

---

| ⬇ 2009/14/KE Artikolu 1.6(a) (ġdid) |
|---|

*Artikolu 7*

*Ripagament*

1. L-I~~i~~skemi ta' G~~g~~aranzija ~~għad-d~~tad-Depożiti għandhom ikunu f'qagħda li jħallsu lura ~~t-talbiet debitament ivverifikati magħmulin minn depożitanti fir-rigward ta'~~ depożiti li ma jkunux disponibbli fi żmien ⇨ 7 ⇦ ~~għoxrin jum~~ijiem ta' xogħol mid-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jagħmlu d-determinazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 2(1)(e)(i) jew li fih awtorità ġudizzjarja tagħti s-sentenza kif imsemmija fl-Artikolu 2(1)(e)(ii).

~~Dak il-limitu ta' żmien jinkludi l-ġbir u t-trażmissjoni ta' data preċiża dwar id-depożitanti u d-depożiti, li huma meħtieġa għall-verifika tat-talbiet.~~

~~F'ċirkostanzi kompletament eċċezzjonali, skema ta' garanzija għad-depożiti tista' tagħmel applikazjoni lill-awtoritajiet kompetenti għal estenzjoni tal-limitu taż-żmien. Din l-estensjoni m'għandhiex teċċedi għaxart ijiem ta' xogħol.~~

~~Sas- 16 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-effettività u ż-żmien tal-proċeduri ta' rimbors li jevalwa jekk tnaqqis għal 10 ijiem taż-żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu jistax jiġi implimentat.~~

---

| ⬇ 2009/14/KE Artikolu 1.6(b) |
|---|

~~2. —~~

⇩ ġdid

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li d-depożiti msemmija fl-Artikolu 6(3) jiġu soġġetti għal perjodu itwal ta' ripagament. Madankollu, dak il-perjodu ma għandux jaqbeż it-3 xhur mid-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu determinazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(e)(i) jew meta awtorità ġudizzjarja tieħu deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(e)(ii).

Depożitant li mhuwiex assolutament intitolat għas-somom miżmuma f'dawk il-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 6(3) għandu jitħallas lura fil-limitu taż-żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Dak il-pagament għandu jitqies meta jitħallsu lura l-persuni assolutament intitolati.

2. Id-depożitanti għandhom jitħallsu lura mingħajr ma tkun meħtieġa talba lill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti. Għal dan il-għan, l-istituzzjoni tal-kreditu għandha tittrasmetti l-informazzjoni meħtieġa dwar id-depożiti u d-depożitanti hekk kif tintalab mill-Iskema.

---

🡻 94/19/KE, Artikolu 10 (ġdid)

~~3. Il-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafi 1 u 2 ma jistax ikun użat minn skema ta' garanzija sabiex tiċħad il-benefiċċju ta' garanzija lil xi depożitatur li ma jkunx jista' jisħaq fiż-żmien il-pretensjoni tiegħu għal pagament permezz tal-garanzija.~~

34. ⇨ Kwalunkwe korrispondenza bejn l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti u d-depożitanti ⇦ ~~Id-dokumenti rigward il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu mwettqa u l-formalitajiet li għandhom ikunu iffinalizzati biex ikunu eliġibli għal pagament permezz tal-garanzija li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1~~ għandhaom ~~ikunu~~tkun imħejjija ~~fid-dettal u fil-manjiera preskritta bil-liġi nazzjonali~~ fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih ikun jinstab id-depożitu ggarantit. ⇨ Jekk bank jopera direttament fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun stabbilixxa fergħat, l-informazzjoni għandha tingħata fil-lingwa li kienet intgħażlet mid-depożitant meta nfetaħ il-kont. ⇦

45. Independentament mill-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafui 1 ~~u 2~~, meta depożitantur jew xi persuna intitolata lejn jew interessata fis-somom miżmuma f'kont tkun ġiet akkużata b'offiża li toriġina minn jew b'relazzjoni mal-ħasil tal-flus~~money laundering~~ kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 91/308/KEE, l-Iiskema ta' Ggaranzija tad-Depożiti tista' tissospendi l-pagament sakemm ikun hemm ⌦ sentenza ⌫ ~~verdett~~ mill-qorti.

⬇ 94/19/KE, Artikolu 7.6

*Artikolu 8*

*Pretensjonijiet fuq l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti*

1. L-Istati Membri għandhom jassiiżguraw li d-drittijiet tad-depożitanti turi għal kumpens jista' jkun suġġett għal azzjoni mid-depożitanttur kontra l-Iiskema ta' Ggaranzija tad-D'-depożitu.

---

⬇ 94/19/KE, Artikolu 11
⇨ ġdid

2. Mingħajr preġudizzju għal xi drittijiet oħra li huma jista' jkollhom permezz tal-liġi nazzjonali ⇨ u soġġett għall-paragrafu 3 ⇦, skemi li jagħmlu pagamenti permezz ta' garanzija għandhom ikollhom id-dritt ta' surrogazzjoni għad-drittijiet ta' depożitantituri fi proċedimenti ta' likwidazzjoni għal ammont ekwivalenti tal-pagamenti tagħhom.

---

⇩ ġdid

3. Meta l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti ssellfu lil skema oħra skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10, l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depositi li jkunu qed isellfu għandhom fi proporzjon mal-ammont misluf ikollhom id-dritt ta' surrogazzjoni għad-drittijiet tad-depożitanti fil-proċeduri ta' likwidazzjoni għal ammont daqs l-ammont tal-pagamenti tagħhom.

Id-dritt ta' surrogazzjoni ma għandux jiġi eżerċitat qabel is-self ikun dovut skont l-Artikolu 10(2)(b). Jekk il-proċedura ta' likwidazzjoni tispiċċa qabel dik id-data, id-dritt ta' surrogazzjoni għandu jestendi għar-rikavati mil-likwidazzjoni li jitħallsu lill-iskema li tkun qed issellef.

Id-drittijiet soġġetti għad-dritt ta' surrogazzjoni msemmi f'dan il-paragrafu għandu jkollu l-ewwel post wara d-dritt tad-depożitanti msemmi fil-paragrafu 1 u qabel id-drittijiet l-oħra kollha fuq il-likwidatur.

4. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw iż-żmien li fih id-depożitanti li d-depożiti tagħhom ma tħallsux lura jew ma kinux rikonoxxuti mill-iskema sal-iskadenza stipulata fl-Artikolu 7(1) jistgħu jitolbu r-ripagament tad-depożiti tagħhom. Dan il-limitu ta' żmien għandu jiġi ddeterminat sad-data li fiha d-drittijiet li ġiet subrogata għalihom l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti skont il-paragrafu 2 ikollhom jiġu rreġistrati fil-proċedura tal-istralċ skont il-liġi nazzjonali.

Meta jiddeterminaw il-limitu ta' żmien, l-Istati Membri għandhom iqisu ż-żmien meħtieġ mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti biex tiġbor dawn il-pretensjonijiet qabel din ir-reġistrazzjoni.

⇩ ġdid

*Artikolu 9*

*Finanzjament tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti jkollhom fis-seħħ sistemi adegwati biex jiddeterminaw l-obbligazzjonijiet potenzjali tagħhom. Il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-Iskemi ta' Garanzija għandhom ikunu proporzjonati ma' dawn l-obbligazzjonijiet.

L-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti għandhom iżidu l-mezzi finanzjarji disponibbli permezz tal-kontribuzzjonijiet regolari mingħand il-membri tagħhom fit-30 ta' Ġunju u t-30 ta' Diċembru ta' kull sena. Dan ma għandux jipprevjeni finanzjament addizzjonali minn sorsi oħra. Ma jistgħux jintalbu tariffi ta' darba mad-dħul.

Il-mezzi finanzjarji disponibbli għandhom tal-anqas jilħqu l-livell fil-mira. Meta l-kapaċità finanzjarja ma tilħaqx il-livell fil-mira, għandu jerġa' jibda l-pagament tal-kontribuzzjonijiet tal-anqas sakemm jerġa' jintlaħaq il-livell fil-mira. Meta il-mezzi finanzjarji disponibbli jammontaw għal anqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, il-kontribuzzjonijiet regolari ma għandhomx ikunu ta' inqas minn 0.25% tad-depożiti eleġibbli.

2. L-ammont kumulat ta' depożiti u investimenti ta' skema relatata ma' korp wieħed ma għandux jaqbeż il-5% tal-mezzi finanzjarji disponibbli tagħha. Kumpaniji li jkunu inklużi fl-istess grupp għall-finijiet ta' kontijiet konsolidati, kif definit fid-Direttiva 83/349/KEE jew skont ir-regoli internazzjonali rikonoxxuti tal-kontabilità, għandhom jitqiesu bħala korp wieħed għall-fini li jiġi kkalkulat dan il-limitu.

3. Jekk il-mezzi finanzjarji disponibbli ta' Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ma jkunux suffiċjenti biex jitħallsu lura d-depożitanti meta d-depożiti ma jibqgħux disponibbli, il-membri tagħha għandhom iħallsu kontribuzzjonijiet straordinarji li ma jaqbżux 0.5% tad-depożiti eliġibbli tagħhom kull sena tal-kalendarju. Dak il-pagament għandu jsir jum qabel il-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 7(1).

4. L-ammont kumulat tal-kontribuzzjonijiet imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ma jistax jaqbeż il-1% tad-depożiti eleġibbli kull sena tal-kalendarju.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw parzjalment jew għal kollox istituzzjoni tal-kreditu mill-obbligu msemmi fil-paragrafu 2 jekk is-somma tal-pagamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 thedded is-saldu tal-pretensjonijiet ta' kredituri oħra fuqha. Dawn l-eċċezzjonijiet ma għandhomx jingħataw għal aktar minn 6 xhur iżda jistgħu jiġġeddu fuq talba tal-istituzzjoni tal-kreditu.

5. Il-mezzi finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom prinċipalment jintużaw sabiex jitħallsu lura d-depożitanti skont din id-Direttiva.

Huma jistgħu, madankollu, jintużaw ukoll biex jiġi ffinanzjat it-trasferiment ta' depożiti għand istituzzjoni tal-kreditu oħra, sakemm l-ispejjeż imġarrba mill-Iskema

ta' Garanzija tad-Depożiti ma jaqbżux l-ammont ta' depoziti koperti fl-istituzzjoni tal-kreditu konċernata. F'dan il-każ, l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti għandha, fi żmien xahar mit-trasferiment tad-depożiti, tissottometti rapport għand l-Awtorità Bankarja Ewropea fejn turi li l-limitu msemmi hawn fuq ma nqabiżx.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti jużaw il-mezzi finanzjarji tagħhom sabiex jevitaw falliment ta' bank mingħajr ma jkunu ristretti li jiffinanzjaw it-trasferiment tad-depożiti f'istituzzjoni tal-kreditu oħra, sakemm ikunu ssodifati dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) wara din il-miżura l-mezzi ta' skema finanzjarja jaqbżu 1% tad-depożiti eleġibbli;

(b) l-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti, fi żmien xahar mid-deċiżjoni tagħha li tieħu din il-miżura, tissottometti rapport għand l-Awtorità Bankarja Ewropea fejn turi li l-limitu msemmi hawn fuq ma nqabiżx. .

Il-perċentwali msemmi f'(a) jista' jiġi stipulat bejn 0.75 u 1%, każ b'każ u soġġett għall-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fuq talba mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti konċernata.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti jkollhom fis-seħħ arranġamenti ta' finanzjament alternattivi u adegwati sabiex jippermettulhom li meta jkun meħtieġ jiksbu fondi f'qasir żmien ħalli jissodisfaw il-pretensjonijiet fuq dawn l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

7. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw kull xahar lill-Awtorità Bankarja Ewropea dwar l-ammont ta' depożiti eleġibbli u d-depożiti koperti fl-Istat Membru tagħhom u dwar l-ammont ta' mezzi finanzjarji disponibbli tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti tagħhom. Din l-infomazzjoni għandha tiġi kkonfermata mill-awtoritajiet kompetenti u flimkien ma' din il-konferma għandha tintbagħat lill-Awtorità Bankarja Ewropea fi żmien għaxart (10) ijiem mill-aħħar tax-xahar.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-anqas darba fis-sena l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tiġi ppubblikata fil-websajt tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 10*

*Self bejn l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti*

1. Skema għandu jkollha d-dritt li tissellef mingħand l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti l-oħra kollha msemmija fl-Artikolu 1(2) fi ħdan l-Unjoni sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskema li tissellef ma tkunx f'pożizzjoni li tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 8(1) minħabba pagamenti preċedenti fl-ambitu tal-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(5).

(b) is-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu teżisti minħabba nuqqas ta' mezzi finanzjarji disponibbli msemmija fl-Artikolu 9.

(c) l-iskema li tissellef tkun irrikorriet għall-kontribuzzjonijet straordinarji msemmija fl-Artikolu 9(3)

(d) l-iskema li tissellef tieħu l-impenn legal li l-fondi mislufa ser jintużaw sabiex jitħallsu pretensjonijiet skont l-Artikolu 8(1).

(e) l-iskema li tissellef ma tkunx attwalment soġġetta għal obbligu li tħallas lura self lil Skema ta' Garanzija tad-Depożiti oħra skont dan l-Artikolu.

(f) l-iskema li tissellef għandha tiddikjara l-ammont ta' flus mitluba.

(g) l-ammont totali misluf ma jistax jaqbeż 0.5% tad-depożiti eleġibbli tal-iskema li tissellef.

(h) l-iskema li tissellef tinforma mingħajr dewmien lill-Awtorità Bankarja Ewropea u tiddikjara r-raġunijiet għalfejn huma ssodisfati l-kundizzjonijiet t'hawn fuq u l-ammont ta' flus mitlub.

L-ammont imsemmi fil-punt (f) tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

[l-ammont ta' depożiti koperti li għandu jitħallas lura skont l-Artikolu 8(1)] – [il-mezzi finanzjarji disponibbli]
+ l-ammont massimu ta' kontribuzzjonijiet straordinarji msemmi fl-Artikolu 9(3)]

L-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti l-oħra għandhom jaġixxu ta' skemi mutwanti. Għal dan il-għan, l-Istati Membri fejn huma stabbiliti aktar minn skema waħda għandhom jiddeżinjaw skema waħda li taġixxi ta' skema li ssellef ta' dan l-Istat Membru u tinforma lill-Awtorità Bankarja Ewropea dwar dan. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk għandhiex tiġi rrimburżata l-iskema tas-self mill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti l-oħra stabbiliti fl-istess Stat Membru, u kif.

L-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti li jkunu obbligati jħallsu lura self lil Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti oħra skont dan l-Artikolu ma għandhomx isellfu lil Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti oħra.

2. Is-self għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) kull skema għandha ssellef l-ammont proporzjonat mal-ammont ta' depożiti eleġibbli f'kull skema mingħajr ma tqis l-iskema li tissellef u l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti msemmija fil-punt (a). L-ammonti għandhom jiġi kkalkulati skont l-aħħar informazzjoni mensili kkonfermata msemmija fl-Artikolu 9(7).

(b) l-iskema li tissellef għandha tħallas lura s-self l-aktar tard wara ħames (5) snin. Tista' tħallas is-self f'pagamenti annwali. L-imgħax għandu jkun dovut biss fi żmien tar-ripagament.

(c) ir-rata tal-imgħax għandha tkun ekwivalenti għar-rata marġinali tal-faċilità tas-self tal-Bank Ċentrali Ewropew matul il-perjodu tal-kreditu.

3. L-Awtorità Bankarja Ewropea għandha tikkonferma li r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew ssodisfati, jiddikjaraw l-ammonti li għandhom jissellfu minn kull skema kif ikkalkulati skont il-paragrafu 2(a) u r-rata inizjali tal-imgħax skont il-paragrafu 2(c) kif ukoll it-tul tal-perjodu tas-self.

L-Awtorità Bankarja Ewropea għandha tittrasmetti l-konferma tagħha flimkien mal-informazzjoni msemmijia fil-paragrafu 1(h) lill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti. Din il-konferma u din l-informazzjoni għandhom jaslu fi żmien jumejn (2) tax-xogħol. L-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti li ssellfu għandhom, mingħajr dewmien iżda l-aktar tard fi żmien jumejn (2) tax-xogħol wara l-wasla jwettqu l-pagament tas-self lill-iskema li tissellef.

5. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet miġbura mill-iskema li tissellef jkunu biżżejjed biex tirrimborża l-ammont u biex tistabbilixxi mill-ġdid il-livell fil-mira mill-aktar fis possibbli.

---

⇩ ġdid

*Artikolu 11*

*Kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti*

1. Il-kontribuzzjonijiet lill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożi msemmija fl-Artikolu 9 għandhom jiġu ddeterminati għal kull membru abbażi tal-grad ta' riskju jġorr. L-istituzzjonijiet tal-kreditu ma għandhomx iħallsu anqas minn 75% jew aktar minn 200% tal-ammont li jkollu jikkontribwixxi bank b'riskju medju. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li membri ta' Skemi msemmija fl-Artikolu 1(3) u (4) iħallsu lill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti kontribuzzjonijiet aktar baxxi iżda li ma jkunux anqas minn 37.5% tal-ammont li jkollu jikkontribwixxi bank b'riskju medju.

